



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 16.7.2007
KUMM(2007) 411 finali

2007/0141 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2003/54/KE dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fl-Estonja

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Permezz ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, l-Estonja ġiet mogħtija perjodu tranżitorju sal-31 ta' Diċembru 2008 biex tapplika l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 96/92/KE, dwar il-ftuħ gradwali tas-suq ta' l-elettriku. Fit-28 ta' Ġunju 2004, wara skambju ta' informazzjoni, il-Kunsill adotta d-Direttiva 2004/85/KE li temenda d-Direttiva 2003/54/KE dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fl-Estonja, li estendiet id-deroga rikjesta sal-31 ta' Diċembru 2012.

Permezz tas-sentenza tas-26 ta' Novembru 2006, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat parzjalment id-Direttiva 2004/85/KE. Dan l-annullament parzjali ma ġiex motivat minn raġunijiet dwar is-sustanza tad-Direttiva 2004/85/KE, iżda kien riżultat ta' għażla ta' bażi ġuridika mill-Kunsill (l-Artikolu 57 tat-Trattat ta' l-Adeżjoni minflok l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE). Billi r-raġunijiet li l-Estonja ngħatat deroga mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21(1)(b) u (c) (ftuħ tas-swieq) tad-Direttiva 2003/54/KE li tmur 'il hinn mill-31 ta' Diċembru 2008 jibqgħu validi, dik id-Direttiva għandha tiġi emendata skond dan, bl-istess kliem bħal tad-Direttiva 2004/85/KE iżda fuq il-bażi ġuridika xierqa.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2003/54/KE dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fl-Estonja

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2), l-Artikolu 55 u l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta tal-Kummissjoni¹,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Regġuni³,

Filwaqt li taġixxi skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁴,

Billi:

- (1) Waqt in-negozjati ta' l-adeżjoni, l-Estonja invokat il-karatteristiċi speċifiċi tas-settur ta' l-elettriku tagħha biex titlob perjodu tranżitorju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern ta' l-elettriku⁵.
- (2) Fl-Anness VI ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, l-Estonja nġhatat perjodu tranżitorju sal-31 ta' Diċembru 2008 għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 96/92/KE, rigward il-ftuħ gradwali tas-suq.
- (3) Id-Dikjarazzjoni Nru 8 annessa mat-Trattat ta' Adeżjoni saħansitra rrikonoxxiet li l-qagħda speċifika fir-rigward tar-ristrutturar tas-settur tax-*shale* taż-żejt fl-Estonja kien se jirrekjedi sforzi partikolari sa l-aħħar ta' l-2012.
- (4) Id-Direttiva 96/92/KE inbidlet bid-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta' l-

1

2 ...

3 ...

4 ...

5 ...

5 ĠU L 27, 30.1.1997, p. 20.

elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE⁶, li kellha tiġi implimentata sa l-1 ta' Lulju 2004 u li kellha l-effett li tħaffef il-ftuħ tas-suq ta' l-elettriku.

- (5) Permezz ta' l-ittra tas-17 ta' Settembru 2003, l-Estonja bagħtet talba biex tiġi eżentata mill-Artikolu 21(1)(b) tad-Direttiva 2003/54/KE, dwar il-ftuħ tas-suq għall-klijenti non-domestiċi, sal-31 ta' Diċembru 2012. Permezz ta' ittra oħra tal-5 ta' Diċembru 2003, l-Estonja indikat li kella l-ħsieb li tiftaħ is-suq kompletament kif ipprovdut fl-Artikolu 21(1)(c) ta' dik id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2015.
- (6) It-talba ta' l-Estonja kienet ibbażata fuq pjan ta' ristrutturar kredibbli għas-settur kollu tax-*shale* taż-żejt li jestendi sal-31 ta' Diċembru 2012.
- (7) Ix-*shale* taż-żejt huwa l-unika riżors reali indiġenu fl-Estonja u l-produzzjoni nazzjonali tirrapreżenta kważi 84% tal-produzzjoni dinjija. 90% ta' l-elettriku prodott fl-Estonja ġej minn dan il-fjuwil solidu. Huwa għalhekk ta' importanza strateġika kbira għas-sikurezza tal-provvista fl-Estonja.
- (8) L-għotja ta' deroga oħra għall-perjodu mill-2009 sa l-2012 kienet tidher meħtieġa biex tiggarantixxi s-sikurezza ta' investimenti fl-impjanti li jiġġeneraw din l-enerġija u sikurezza ta' provvista fl-Estonja filwaqt li tippermetti li jissolvew il-problemi ambjentali serji li joħlqu dawn l-impjanti.
- (9) Fit-28 ta' Ġunju 2004 il-Kunsill adotta d-Direttiva 2004/85/KE, li tat id-deroga mitluba.
- (10) Permezz tas-sentenza tat-28 ta' Novembru 2006 fil-Każ C-413/04, *Parlament/Kunsill*⁷, il-Qorti tal-Ġustizzja annulla d-Direttiva 2004/85/KE, safejn tipprovidi favur l-Estonja deroga mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21(1)(b) u (c) tad-Direttiva 2003/54/KE li tmur lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2008 kif ukoll obbligu korrispettiv li tiggarantixxi ftuħ parzjali biss tas-suq li jirrapreżenta 35% tal-konsum fl-1 ta' Jannar 2009 u obbligu ta' komunikazzjoni annwali tal-limiti ta' konsum li jestendu l-eleġibbiltà lill-konsumaturi finali.
- (11) Dan l-annullament parzjali ma ġiex motivat minn raġunijiet dwar is-sustanza tad-Direttiva 2004/85/KE, iżda kien riżultat ta' għażla ħażina ta' bażi ġuridika.
- (12) Billi r-raġunijiet li l-Estonja nġhatat deroga mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21(1)(b) u (c) tad-Direttiva 2003/54/KE li tmur 'il hinn mill-31 ta' Diċembru 2008 jibqgħu validi, dik id-Direttiva għandha tiġi emendata skond dan, bl-istess kliem bħal tad-Direttiva 2004/85/KE iżda fuq il-bażi ġuridika xierqa.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Artikolu 26(3) tad-Direttiva 2003/54/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

⁶ ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37. Id-Direttivai kif emendata bid-Direttiva 2004/85/KE (ĠU L 236, 7.7.2004, p 10).

⁷ ECR (2006) I- 11221.

‘3. L-Estonja għandha tingħata deroga temporanja mill-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 21(1)(b) u (c) sal-31 ta’ Diċembru 2012. L-Estonja għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-ftuħ tas-suq ta’ l-elettriku tagħha. Dan għandu jittwettaq gradwalment matul il-perjodu ta’ referenza bi l-għan ta’ ftuħ sħiħ tas-suq sa l-1 ta’ Jannar 2013. Fl-1 ta’ Jannar 2009, il-ftuħ tas-suq għandu jirrapreżenta għall-anqas 35% tal-konsum. Kull sena, l-Estonja għandha tikkomunika lill-Kummissjoni il-limiti ta’ konsum li jestendu l-eliġibbiltà lill-konsumaturi finali.’

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa b’din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Lulju 2007. Dawn għandhom jikkomunikaw mill-ewwel it-test ta’ dawk il-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b’din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President